**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Jannar, 2020**

**Citazzjoni Nru: 884/2011 AF**

**Non Stop Yacht S.L., kumpannija minn Barcellona, Spanja, kif rapprezentata f'Malta mill-Avukat George Said K.I. 165577M bhala mandatarju specjali taghha**

**vs**

**Bastiment M.Y. Lady Vista**

**u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2011 Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati Kuraturi Deputati ghall-bastiment M.Y. Lady Vista**

**u b'digriet tal-20 ta' Dicembru 2011 gie kjamat in kawza l-Kaptan Christopher Petch**

**u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2013 Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-Kaptan Christopher Petch**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kumpannija attrici Non Stop Yacht S.L. fuq talba tal-bastiment konvenut, liema bastiment huwa rregistrat b'numru ufficjali tal-IMO 1007079, wettqet numru ta' servizzi u tiswijiet u kkonsenjat materjal u merkanzija u necessitajiet forniti ghat-thaddim, immaniggjar, zamma u manutenzjoni u ghall-gid tal-istess konvenut, kif ukoll servizzi ohra ancillari u relatati.

L-ammont totali u bilancjali dovut ghal tali servizzi u materjali huwa ta' seba' u erbghin elf, mitejn u disa' u tletin Ewro u erba' u tmenin centezmu (EUR 47,239.84) u huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-konvenut lill-attrici.

Ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont ossia bilanc baqa' ma thallasx mill-bastiment konvenut, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fl-opinjoni tal-esponent, il-baswtiment konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi x'jaghti ghat-talbiet tal-attrici.

L-esponent jaf dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-bastiment konvenut M.Y. Lady Vista huwa debitur tal-attrici Non Stop Yacht S.L. fis-somma ta' seba' u erbghin elf, mitejn u disa' u tletin Ewro u erba' u tmenin centezmu (EUR 47,239.84) ghal servizzi u tiswijiet rezi lilu u ghall-konsenja ta' materjal u merkanzija u necessitajiet forniti ghat-thaddim, immaniggjar, zamma u manutenzjoni u ghall-gid tal-istess konvenut, kif ukoll servizzi ohra ancillari u relatati.

3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut M.Y. Lady Vista sabiex ihallas lill-attrici Non Stop Yacht S.L. is-somma ta' seba' u erbghin elf, mitejn u disa' u tletin Ewro u erba' u tmenin centezmu (EUR 47,239.84) ghar-ragunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 1172/2011 prezentat fit-23 ta' Awwissu 2011, u bl-imghax kummercjali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-data ta' meta inghataw is-servizzi u saru l-konsenji rispettivi u dana sad-data tal-hlas tal-effettiv pagament kontra l-bastiment konvenut illi r-rapprezentanti tieghu huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' riduzzjoni.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tat-30 ta' Novembru 2017 u peress illi l-Qorti qieset li l-bastiment intimat seta' kellu eċċezzjonijiet xi jressaq, ingħata għoxrin jum żmien sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu għar-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Cedric Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tal-Bastiment M.Y. Lady Vista li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hafna mis-servizzi u l-prezzijiet taghhom indikati fil-fatturi annessi mar-rikors guramentat ma kienux approvati mis-socjetà Fidelis Shipping Limited, socjetà registrata hawn Malta bin-numru ta' registrazzjoni 40536, liema socjetà hija l-proprjetarja tal-bastiment. Ghalhekk minkejja n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni mis-socjetà Fidelis Shipping Limited, is-socjetà Non Stop Yacht S.A. xorta wahda pprovdiet l-imsemmija servizzi.

Ghalkemm l-imsemmijin fatturi gew accettati, ffirmati u ttimbrati mill-Kaptan tal-bastiment ta' dak iz-zmien, Christopher Petch, is-socjetà attrici kienet taf li dan l-istess

kaptan ma kellux il-kunsens tas-socjetà Fidelis Shipping Limited sabiex jawtorizza s-servizzi f'dawk il-fatturi ghal dawk il-prezzijiet u abbuzat minn nuqqasijiet tal-Kaptan billi gholliet l-prezzijiet taghha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-20 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu l-Qorti ordnat illi jiġi msejjaħ fil-kawża l-Kaptan Christopher Petch.

Rat id-digriet tal-11 ta' Ġunju 2013 li permezz tiegħu ġew nominati l-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Kaptan Christopher Petch.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Kaptan Christopher Petch li permezz tagħha eċċepew illi:

F'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimata minnhom rapprezentata u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-Kaptan in kwistjoni.

It-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' kreditu. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-bastiment intimat iħallas is-somma ta' €33,963, hekk kif ridotta skont in-nota tal-attriċi a fol. 38 tal-proċess. Dan huwa l-bilanċ dovut fuq żewġ

fatturi għal diversi servizzi prestati u materjal fornut mill-attriċi lill-bastiment intimat.

Da parti tiegħu, il-bastiment intimat ma jikkontestax li dawn ix-xogħlijiet saru, iżda jeċċepixxi li ma kienux approvati mis-soċjetà Fidelis Shipping Limited, sid il-bastiment. Jeċċepixxi wkoll li għalkemm il-fatturi ġew approvati mill-kaptan ta' dak iż-żmien, l-imsejjaħ fil-kawża Christopher Petch, dan ma kellux il-kunsens tas-sid sabiex japprova l-fatturi għal dawk il-prezzijiet u li l-attriċi abbużat min-nuqqasijiet tal-kaptan u għolliet il-prezzijiet.

Il-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Christopher Petch, imsejjaħ fil-kawża, jeċċepixxu li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-każ. Madanakollu, l-attriċi preżentat dikjarazzjoni maħlufa tiegħu fejn huwa kkonferma li awtorizza x-xogħlijiet u materjal u approva l-fatturi in kwistjoni għall-prezzijiet maqbula bħala parti mir-responsabbiltajiet tiegħu ta' kaptan, skont il-kuntratt t'impjieg tiegħu.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-iskrittura privata, ossia kuntratt t'impjieg, iffirmat bejn Fidelis Shipping Limited l-Kaptan Petch hija *res inter alios acta* għas-soċjetà attriċi. Dan il-prinċipju huwa rifless fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 16:

> *"992 (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom;*
>
> u
>
> *1001. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi."*

Madanakollu, il-Qorti tqis illi l-bastiment konvenut m'għandux raġun fl-eċċezzjonijiet tiegħu. Bis-saħħa ta' dawn il-fatturi teżisti relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u l-bastiment intimat. A tenur tal-artikolu 101(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili:

*"Il-kaptan jista', fin-nuqqas tas-sid, jew jekk ma jkunx jilħaq jikkomunika miegħu fil-ħin, jagħmel spejjeż, jew jorbot lis-sid b'kuntratt, għal tiswijiet meħtieġa tal-bastiment jew għall-ksib ta' bżonnijiet, u jista' jissellef flus billi jaddebita lis-sid biex iħallas għall-bżonnijiet li jiġu provduti."*

Jirriżulta li fil-fatt, fil-mori tal-kawża s-soċjetà Fidelis Shipping Limited għamlet ħlas parzjali lill-attriċi għal dak ix-xogħol li tiegħu deherilha li għandha tħallas, għaliex skont hi l-prezzijiet kienu raġjonevoli u allura ma hemmx dubju li l-imsejjaħ fil-kawża kien awtorizzat jidħol f'negozju mal-attriċi għan-nom tal-bastiment intimat.

Kif diġà ntqal, kwalunkwe ftehim li kien jeżisti bejn il-kaptan u sid il-bastiment huwa *res inter alios acta* għall-attriċi, u jekk Fidelis Shipping tħoss illi għandha xi dritt ta' azzjoni kontra l-imsejjaħ fil-kawża, din il-pretensjoni ghandha titressaq permezz ta' ġudizzju separat.

Finalment, anke kieku, għal grazzja tal-argument, il-Qorti kellha tidħol fil-mertu tat-tieni eċċezzjoni tal-bastiment intimat, din l-eċċezzjoni mhijiex sostnuta mill-provi. Edouard De Langlade, direttur u azzjonist ta' Fidelis Shipping, xehed permezz ta' affidavit fejn stqarr illi l-kumpannija tiegħu għandha diversi *pleasure yachts* oħra u li allura jaf fiċ-ċert illi l-prezzijiet li approva l-kaptan kienu għoljin, imma ma ġab l-ebda prova ta' dan, kif lanqas ma ressaq prova konkreta li l-attriċi kienet qiegħda tikkolludi mal-kaptan.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-bastiment intimat u tal-imsejjaħ fil-kawża, u tilqa' t-tieni u tielet talba limitatament fis-somma ridotta ta' tlieta u tletin elf, disa' mija u tlieta u sittin Ewro (€33,963) bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitluba.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-bastiment intimat.

IMĦALLEF

DEP/REG